MSIDA

# KUNSILL LOKALI MSIDA

Pjazza Menqa, Msida
Tel: 2133 4343 Fax: 2134 2424
www.msidalocalcouncil.com

| | |
|---|---|
| Riferenza: | Minuti tas-Seduta 31/K7/2015 |
| Data: | It-Tlieta 9 ta' Gunju 2015 |
| Post: | Ufficcju Amministrattiv<br>Pjazza Menqa, Msida |
| Hin: | 5.30 p.m. |

| | | |
|---|---|---|
| Prezenti: | Sindku | Sna Margaret Baldacchino Cefai |
| | Kunsilliera | Dr Alex Sciberras |
| | | Sur Emanuel Brincat |
| | | Sur Maurice Agius |
| | | Sur Matthew Agius |
| | | Sna Romina Galea |
| | | Sur Charles Selvaggi |
| | | Sur Alan Abela Wadge |
| | | Sur Lino Bartolo |
| | Segretarju Ezekuttiv: | Sna Marita Portelli |
| | Agent Segretarju Ezekuttiv: | Sur Arthur Perici |

<u>AGENDA</u>

1.Approvazzjoni tal-Minuti tas-Seduta 29/K7/2015 u 30/K7/2015
2. Materji mill-Minuti
3. Korrispondenza
4. Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet
5. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar
6. Kommunikazzjoni minn Laqghat li saru
7. Mozzjoni favur Finanzjament Specjali

8. Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv 2014
9. Data tal-Laqgha tal-Lokalita'
10. Affarijiet ohra jekk urgenti
11. Aggornament

**Seduta Numru 31/15**

1531 Is-Sindku fethet il-laqgha b'talba lil San Guzepp. Is-Sindku tablet ghas-sospenssjoni tar-regolamenti biex nghaddu ghall-hatra ta'Agent Segretarju Ezekuttiv u wara nghaddu ghall-item 7 u wara nkomplu bl-agenda tal-Laqgha. Il-Kunsill approva dan.

1. Hatra ta' Agent Segretarju Ezekuttiv – Kunsill Lokali Msida

1532 Is-Sindku Margaret Baladcchino Cefai ressqet ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-Hatra ta' Arthur Perici ID 189772M bhala Agent Segretarju Ezekuttiv, skont l-ittra tas-Sur Carmel Abela (Direttur) Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Din il-hatra hekk kif approvata mill-Ministru b'effett mis-27 ta' Mejju 2015.
Il-Kunsill Lokali Msida approva unanimament din il-hatra.

1533 Il-Kunsill irringrazzja lill-Marita Portelli ghax-xoghol li wettqet bhala Segretarja tal-Kunsill.

1534 Fir-rigward tal-vakanza ta' Segretarju Ezekuttiv, is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-ahhar kommunikazzjoni mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali kienet id-direzzjoni tad-Direttur is-Sur Carmel Abela, fejn informal lill-Kunsill li s-Segretarju Ezekuttiv maghzul ghandu jkun responsabbli kemm mill-Kunsill Lokali kif ukoll mill-Kumitat Amministrattiv. Is-Segretarju Ezekuttiv maghzul tablet li ma tkunx responsabbli mill-Kumitat Amministrattiv tas-Swatar (dan kien isemma waqt l-interview). Is-Sur Maurice Agius staqsa jekk s-Segretarja maghzula tistax tfittex lill-Kunsill jekk inwaqqghu l-process. Is-Sindku qalet li ghandna d-direzzjoni mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali. Is-Sur Emanuel Brincat talab biex niktbu lis-Segretarja maghzula sabiex itina risposta mill-aktar fis possibli bil-pozizzjoni taghha. Il-Kunsill qabel ma' dan.

7. Mozzjoni favor Finanzjament Specjali

1535 Mozzjoni mressqa mil-Kunsillier Maurice Agius, issekondata mil-Kunsilliera Alan Abela Wadge, Matthew Agius u Charles Selvaggi
Wara diskussjoni l-Vici Sindku qal li l-Kunsill jaqbel mal-ispirtu tal-mozzjoni u nistghu nwesghu aktar din il-mozzjoni mhux biss marbuta mal-iskart.
Is-SIndku qalet li mil-iskemi tal-fondi specjali konna morna ghall-applikazzjoni relatata mal-indafa ghalkemm skemi kienu miftuhin ghall-diversi progetti.

Wara li tressqu l-emendi l-Kunsill approva unanimament l-mozzjoni kif ipprezentata hawn taht.

**Mozzjoni favur finanzjament specjali biex jirrispondi ghal sfidi addizjonali relatati maz-zamma tal-indafa ffaccjati mill-Kunsill Lokali Msida li mhumiex koperti mill-allokazzjoni**

*Dahla*

Il-lokalita' tal-Imsida kompliet tizviluppa f'*hub* ta' attivita' bil-pozizzjoni taghha tattratta izjed u izjed traffiku u vizitaturi li mhumiex residenti tul l-ahhar snin li inevitabilment jgibu sfidi straordinarji ghaz-zamma tal-indafa fil-lokal.

*Il-Kunsill Lokali Msida Jirrikonoxxi*

Diversi huma l-fatturi li influenzaw din iz-zieda, fost ohrajn:
1) Il-prezenza tal-G.F. Abela Junior College, b'zieda dejjem tikber ta' studenti f'din l-eta' li jgibu 'l fuq minn 3,000 ruh li jqattghu il-gurnata kollha gewwa l-lokalita' taghna;
2) Il-prezenza tal-Universita' ta' Malta, b'zieda dejjem tikber ta' studenti f'din l-eta' li jgibu 'l fuq minn 13,000 ruh li jqattghu il-gurnata kollha gewwa l-lokalita' taghna;
3) Il-prezenza tal-isptar Mater Dei, li jgib effett ta' *spillover* fuq inhawi varji tal-lokalita' taghna;

4) Iz-zieda ta' residenti temporanji fil-lokalita' taghna, minhabba l-istituzzjonijiet edukattivi msemmija illi ghalihom jinsabu residenti barranin jew Ghawdxin li ma jkunux registrati bhala residenti permanenti fil-lokalita' taghna

*Il-Kunsill Lokali Msida Jaghraf*

Illi:

1) B'hekk dan naturalment qieghed johloq stress ferm ikbar fuq iz-zamma ta' indafa fil-lokalita' u jkabbar il-volum tat-traffiku u t-tniggis f'kull forma tieghu flimkien ma' problem ta' parkegg, liema problemi qed jaffettwa lir-residenti taghna direttament, liema ghalhekk jistghu jigu deskritti bhala kundizzjonijiet straordinarji tal-lokalita' li jirrizultaw mill-fatt illi tospita istituzzjonijiet fundamentali ghal pajjizna;

2) Billi l-formula tal-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill tinhadem fuq ir-residenti permanenti tal-lokalita' minghajr ma tiehu konsiderazzjoni ta' dan il-fenomenu;

3) Billi skema fl- 2009 li kienet ghal- Kunsilli Lokali bi bzonnijiet specjali kienet diga' irrikonoxxiet din is-sitwazzjoni u provdiet lil Kunsill Lokali tal-Imsida b'finanzi addizjonali biex tirrispondi ghal dan, izda li kienet ta' darba, minkejja tali ghajnuna xorta ma kienetx sufficjenti;

4) Minhabba dawn ir-ragunijiet il-Kunsill Lokali Msida qieghed jaghmel l-almu tieghu biex izomm l-indafa fl-Imsida u joffri s-soluzzjonijiet necessarji ghar-resident, izda n-nuqqas ta' rizorsi iwassal biex ma jkunx possibli li tinzamm l-indafa mixtieqa u jitnaqqru rizorsi li huma intenzjonati li jservu ghal obbligi ohra tal-istess Kunsill lejn ir-residenti tieghu

*Ghalhekk il-Kunsill Lokali tal-Imsida Jirrisolvi:*

Li b'appell shih ibbazzat fuq ir-ragunijiet imsemmija, il-Gvern Centrali ghandu jiehu in kunsiderazzjoni serjament din is-sitwazzjoni u ghalhekk jalloka fondi li jirrispondu ghal din il-htiega lil Kunsill Lokali Msida sabiex ikun jista' jkompli jospita dawn l-istituzzjonijiet u l-persuni li jgibu mieghu u l-konsegwenzi relatati, filwaqt li jibqa' jezegwi d-dover tieghu lejn ir-residenti Misidjani billi jkollu rizorsi adegwati.. Dan l-appell ghandu jinbeda

permezz ta' ittra bil-miktub mill-Kunsill Lokali Msida lil Ministru tal-Gvern ikkoncernat/I li tintbaghat mhux izjed tard mill-laqgha tal-Kunsill li jmiss, wara liema l-Kunsilli Lokali jkompli jsegwi l-kawza b'mod attiv.

1. Approvazzjoni tal-Minuti 29/K7/2015 u 30/K7/2015

1536 Seduta 29 – Materja 1475 – is-Sur Maurice Agius qal Is-Sur Agius trid tigi S-Sur Maurice Agius.

1537 Il-Minuti tas-Seduti 29 u 30 gew approvati.

2. Materji mil-Minuti

1538 Materja 1471 – Is-Sindku qalet li ltaqghet mal-Perit Julian Borg u tkellmu fuq affarijiet pendenti. Ix-xoghol tal-arbli tal-festa ser isiru dalwaqt. Rigward l-bridge fejn l-AVIS ser jibghatu l-pjanti mehtiega qabel jibda x-xoghol. Dwar Timing biex jaqsmu n-nies qed jahdmu fuqha minn naha ta' software.
Is-Sur Charles Selvaggi qal li sar xoghol fejn l-ghassa tal-pulizija u messew it-triq minghajr permess tal-Kunsill. Iz-zebra crossing qeghda perikoluza.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li ghandna nitolbu laqgha ma' TM u naraw kemm suppost tkun il-boghod mil-kantuniea.

1539 Materja 1475 – Is-Sur Maurice Agius staqsa kif bqajna fuq din il-materja.
Is-Sindku qalet li ergajna baghatna reminder u s'issa ma hemmx risposta.

1540 Matrerja 1474 – Is-Sur Charles Selvaggi staqsa f'hiex wasal dan il-permess.
Is-Sindku qalet li ghadhom ghaddejjin b'xi emendi peress li kien hemm xi objections teknici fuq l-elevations. Ix-xoghol ghandu jibda wara s-sajf.

1541 Materja 1476 – Is-Sur Maurice Agius staqsa fuq l-izviluppi dwar din Il-materja.
Is-Sindku qalet li tlesta x-xoghol li kien ippjanat u issa jmiss li jsir programm ta' xoghol fejn ser jibdew bis-servizzi.

1542 Materja 1477 – Is-Sur Charles Selvaggi staqsa x'kien sar mil-istqarrija.
Is-Sindku qalet li l-istqarrija ntbaghtet ghax konna qbilna li tintbaghat lil kulhadd. Is-Sindku ha ticcekja u tinforma lill-Kunsill.

1543 Materja 1485 – Is-Sindku staqsiet lis-Sur Alan Abela Wadge jekk tkellimx mal-Perit Toni Bezzina. Is-Sur Abela Wadge qal li l-Perit ghandu jigi b'aktar

informazzjoni.
Is-Sur Emanuel Brincat qal li jekk sal-laqgha li jmiss ma jkollniex informazzjoni, infitxuh bl-avukat.

1544 Materja 1492 – Is-Sur Maurice Agius staqsa x'gara mal-Ghaqda Dilettanti tan-Nar Hamrun. Is-Sindku qalet li l-Kunsil kiteb mif maqbul u bqajna ma smajna xejn.

1545 Materja 1488 – Is-Sur Matthew Agius staqsa dwar l-ahhar zviluppi dwar Triq J Borg. Is-Sindku qalet li ghadna qed nistennew l-informazzjoni.

1546 Materja 1498 – Is-Sur Emanuel Brincat staqsa dwar talba ta' skip fi Triq It-Torri. Is-Sindku qalet li nzammet laqgha mar-residenta u qed nistennew l-ahhar zviluppi.

1547 Materja 1512 – Dwar xoghol mill-Kuntrattur Tabone Bugeja Joint Venture, is-Sur Emanuel Brincat qal li kienet ghazla tajba li nqabdu lil dan il-kuntrattur. Ix-xoghol ghaddej skond l-iskeda.
Is-Sur Charles Selvaggi talab sabiex ikunu nafu meta ser isiru l-pelican lights Gewwa Valley Road.

Is-Sur Alan Abela Wadge talab li jkun skuzzat ghall-kumplament tal-laqgha fl-18.50. Il-Kunsill laqa din it-talba.

1548 Materja 1516 – Is-Sur Matthew Agius staqsa dwar il-mera u x-xoghol fi Triq Antonio Bosio u Rue D'Argens. Is-Sindku qalet li x-xoghol lest.
Is-Sur Lino Bartolo qal li fi Triq Nazju Falzon hemm rebus ta' traffiku.
Is-Sindku qalet li talbet lill-istaff tal-Kunsill sabiex icemplu lill-pulizija. Ser niccekja fuq is-sitwazzjoni peress li beda xi-xoghol fiz-zona msemmija u Hemm xi diversions.

1549 Materja 1517 – Dwar il-programm tal-ETC Sheltered, is-Sur Matthew Agius ser jaghmel appuntament mal-ETC u l-MCAST dwar work placements.

1550 Materja 1520 - Is-Sindku nfurmat lill-Kunsill li flimkien ma' Grupp ta' Zghazagh attendiet ghall-youth Exchange taht il-programm Erasmus + gewwa l-Litwanja.

1551 Materja 1518 – Is-Sur Matthew Agius talab jekk ingabritx l-informazzjoni fuq l-istatistika tar-riciklagg.
Is-Sindku qalet li ser terga tkellem lill-Green Pak dwar din l-informazzjoni.

3. Korrispondenza

1552 Il-Kunsill approva li japplika ghall-iskema Ghajnuna ta' Libreriji Lokali u qed Jivvota s-somma ta' Eur 600.

1553 41/0519/15 – Talba mil-Msida Bocci ghall-Tombla fis-Sajf. Il-Kunsill qabel li Tinharreg n-No Objection u l-permess jinghata sal-11pm

1554 41/0529/15 – Talba ghall-hsarat fuq vettura. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

1555 41/0583/15 - Talba ghall-hsarat fuq vettura. Il-Kunsill ma laqax din it-talba.

1556 41/0623/15 – Talba dwar citazzjonijiet pendenti. Il-Kunsil ser jitkellem mar-Regjun fuq din

1557 41/0656/15 – Talba biex jiwahlu xi signs/billboards fil-lokalita' . Il-Kunsill approva din it-talba, bil-kundizzjoni li jkun hemm l-awtorizazzjoni ta' TM. Ghandha wkoll tintalab site plan u vizwal ta' dak li ser isir. Qabel ma' jsir xi tip ta' installazzjoni ghandu jsir site meeting ma' raprezentant tal-Kunsill.

1558 41/0658/15 – Talba biex jitwahhlu xi bollards. Il-Kunsill approva dan bil-Kundizzjonijiet imsemmija f'1557

1559 41/0651/15 – Ittra mil-Avukat Dr Joe Mifsud dwar servizzi legali u dwar Replacement habba l-kariga gdida tieghu.
Il-Kunsill qabel li tintbaghat ittra fejn nifirhulu ta' din il-kariga.

4. Approvazzjoni tal-Pagamenti tal-Kontijiet

1560 Fuq proponiment tas-Sur Matthew Agius ssekondat mis-Sur Emanuel Brincat, il-Kunsill approva Eur 38,335.05 ghall-iskeda tal-hlasijiet.

5. Kumitat Amministrattiv tas-Swatar

Is-Sur Matthew Mangion taha resume tax-xoghol tal-Kumitat Amministrattiv

1561 Laqgha ma' raprezentanti ta' Arkadia food store dwar il-BIS li hemm fiz-zona. Sar site meeting flimkien mas-Sur Emanuel Brincat. Arkadia lesti li jikkontribwixxu ghall-indafa fejn jidhol sevizz addizzjonali.
Lesti li jaghmul xi tip ta' riklamar.

Is-Sur Maurice Agius issugerixxi li jsir xi tip ta' ftehim.
Is-Sindku qalet li jekk wara li jghaddi l-kollettur u n-nies jergu johorgu skart, x'ser isir minn dawn il-boroz.
Is-Sur Charles Selvaggi ssugerixxi li Arkadia jaghmlu CCTV Camera
Il-Kunsill qabel fuq il-proposta li jsir CCTV Camera.

1562 Is-Sur Emanuel Brincat informa lill-Kunsill li ghadna qed nistennew l-istima Ghall-fence tal-play área gewwa s-Swatar.

1563 Is-Sur Matthew Mangion qal li mil-finanzi li hemm tajjeb li wiehed jikkunsidra Programm ta' manutenzzjoni generali gewwa l-playing field tas-Swatar.

6. Kommunikazzjoni minn Laqghat li saru

1564 Ma kienx hemm x'jitressaq taht dan l-item

8. Approvazzjoni Rapport Amministrattiv 2014

1565 Tressaq ir-rapport amministrattiv ghas-sena 2014 li gie approvat unanimament mil-Kunsill.

9. Data tal-laqgha tal-Lokalita'

1566 Il-Kunsill qabel li din tinzamm fil-31 ta' Lulju 2015

10. Affarijiet ohra jekk urgente

1567 Is-Sindku resqet il-programm ghall-Jum l-Imsida 2015
Dan sar b'kollaborazzjoni bejn is-Sindku mas-Sur Matthew Agius, Lino Bartolo u Romina Galea.

06.07 – Play (Drama)
07.07 – Harga Anzjani u Zjara Dar tal-Anzjani
08.07 – Harga ghat-Tfal, Harga bil-Lanca ghall-familji
09.07 – Qxif Monument Zghazagh
10.07 – Quddies, Fashion Show mil kommunita Rise b'kollaborazzjoni tal-Kazin tal-Banda
11.07 -Gieh l-Imsida

12.07 – Ftuh tal-Berga

Il-Vici Sindku talab li jigi skuzzat mil-kumplament tal-Laqgha fit-8.00pm. Il-Kunsill laqa' din it-talba.

1568 Is-Sindku tkellmet dwar filming mil-kumpanija tal-programm Rifless.
L-istess kumpanija tixtieq li taghmel klassijiet ta' Drama (summer school) fil-Kunsill Lokali. Ghall-istudenti Misidjani lesti joffru sussidju. Is-Sur Maurice Agius ippropona li ghall-Misidjani tkun b'xejn.
Il-Kunsill laqa din it-talba.

1569 Is-Sindku resqet talba minn Café quddiem Junior College ghall-tqeghid ta' Mwejjed u siggijiet. Il-Kunsill laqa din it-talba.

1570 Is-Sindku resqet talba tal-kazin tal-banda ghall-lejla maltija fejn qed jitolbu li l-Kunsill jipprovdi l-imwejjed u siggijiet. Il-Kunsill laqa din it-talba u qed jivvuta l-istess vot tal-2014 ghal din l-attivita'.

1571 Is-Sur Maurice Agius tkellem dwar Triq Robie Naudi c/w Mons d'Andria, dwar rampa tal-garaxx fuq banquina. Irid jaghmilha removable. Is-Sur Emanuel Brincat ser jitkellem mar-resident.

1572 Is-Sur Charles Selvaggi tkellem li hemm bankina quddiem it-Travel Agent f'Rue d'Argens li qed tizloq. Is-Sur Emanuel Brincat ser jiehu hsieb li jsir ix-xoghol mehtieg.

1573 Is-Sur Lino Bartolo tkellem dwar Sqaq il-Wied fejn xi hadd qed jaqla s-sigar. Is-Sindku ser tiehu hsieb dan il-kaz. Rigward bowser mil-ELC, is-Sur Bartolo issugerixxa li fis-sajf nitolbu servizz addizzjonali ghal Eur 30 fil-gimgha ghat-tisqija. Il-Kunsill approva dan.

1574 Is-Sur Emanuel Brincat ippropona li fi Triq Calcidon Schembri hemm bicca hamrija, titnehha u flokka naghmlu ftit passaggi u bankijiet. Issugerixxa li fi Triq Victor Denaro isir bandla zghira.

Il-Kunsill approva dawn ix-xogholijiet.

11. Aggornament

Il-Laqgha ntemmet fit-8.15pm u sar qbil li l-laqgha li jmiss isir it-Tnejn 6 ta' Lulju 2015.

Approvati llum ____________________________________

Margaret Baldacchino Cefai
Sindku

Arthur Perici
Agent Segretarju Ezekuttiv